BIRŻEBBUĠA

"Dar Birżebbuġa" Triq Santa Marija - Birżebbuġa Tel: 21650165 Email: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto: **PAĊI U SAĦĦA LIL KULĦADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 07/14 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju 2014 fil-5.30pm.**

| | |
|---|---|
| Preżenti | Membri |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino** |
| | **Is-Sur Kevin Barun** |
| | **Is-Sur Carmelo Cachia** |
| | **Is-Sur Charles Muscat** |
| | **Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Marthese Parascandalo** |
| Assenti | **Sinj. Bernardette Pace** |

## AĠENDA 1

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 06/14 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sur K. Barun ippropona u s-Sur S. Zammit issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 06/14 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mis- Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## AĠENDA 2

01/07 Kien hemm talba mis-Sur Emmanuel Ebejer biex il-Kunsill jagħtih permess biex, matul ix-xhur tax-xitwa, jħalli l-caravan tiegħu ipparkjat fil-parking area faċċata tal-Al Fresco. Il-Kunsillieri qablu li dan is-sinjur għandu javviċina lill-Għaqda Sajjieda Dilettanti li tuża dan il-parkeġġ għad-dgħajjes tal-membri tagħha.

02/07 Kien hemm talba mis-Sur Wayne Hamer biex, fis-26 t'Awwissu, jarma Water Bouncy Castle fi Triq ix-Xatt ta' San Ġorġ. Wara li l-Kunsillieri raw, mir-ritratti li pprovda ir-resident, li kien se jitħalla passaġġ adekwat għan-nies (peress li minn din it-triq ma jgħaddux karozzi) il-Kunsillieri qablu li tingħata 'no objection letter' dejjem suġġetta għall-permessi kollha meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati.

03/07 Kien hemm talba mis-Sinj. Theresa Sullivan, Activities Coordinator, biex torganizza Team Building Event għal 100 persuna l-Bajja S-Sabiħa. Il-Kunsillieri ssuġġerew li din l-attivita' għandha ssir nhar ta' Erbgħa minħabba li l-Bajja ma tkunx daqshekk fgata bin-nies daqs ġranet oħra u qablu li tingħata 'no objection letter' dejjem suġġetta għall-permessi kollha meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati u li d-data tiġi diskussa mal-Kunsill biex ma jkunx hemm attivitajiet oħra fl-istess ġurnata.

04/07 Kien hemm talba oħra mill-Outdoor Living biex jorganizzaw Volleyball Event għal 90 ruħ fil-Bajja s-Sabiħa fis-17 ta' Settembru 2014. Il-Kunsillieri qablu li tinħareg 'no objection letter' dejjem suġġetta għall-permessi kollha meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati.

05/07 Kien hemm talba mill-Malta Rugby Football Union biex jorganizzaw Fun Day fil-Bajja s-Sabiħa nhar id-9 t'Awwissu. Il-Kunsillieri qablu li toħrog 'no objection letter' dejjem suġġetta għall-permessi kollha meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati.

06/07 Kien hemm talba għall-'no objection letter' biex, fit-12 t'Awwissu, jiġu bbukkjati żewġ parking bays biex jintużaw minn Jeep għall-promozzjoni tal-Ġelati 'Magnum'. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dejjem suġġett għall-permessi meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati.

07/07 Kien hemm talba mis-Sinjuri Camilleri biex jorganizzaw Beach Party għat-tfal żgħar nhar is-7 t'Awwissu u wara li ġew infurmati li se jkun hemm il-ġenituri preżenti u anki Health and Safety Officer, il-Kunsillieri qablu li toħrog 'no objection' letter.

08/07 Kien hemm talba mis-Sur Giuseppe Spampinato biex il-Kunsill jagħtih 'no objection letter' biex jarma gabbana u jbiegħ ħelu tipiku Sqalli. Wara li ddiskuta din it-talba, il-Kunsill qabel li toħrog 'no objection letter' dejjem suġġetta għall-permessi meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati.

09/07 Kien hemm talba mill-Birżebbuġa Sailing Club biex il-Kunsill joħrog 'no objection letter' biex jitressaq il-ħabel li jimmarka is-'Safety Zone' ta' ħdejn is-Slipway ta' Wied il-Buni. Waqt il-laqgha, kien hemm preżenti tliet rapreżentanti tal-Birżebbuġa Sailing Club. Il-laqgħa ġiet sospiża biex dawn in-nies setgħu jitkellmu dwar il-problemi li kienu qed jiffaċċjaw ħdejn din is-Slipway. Wara diskussjoni, il-Kunsill ftiehem li jibgħat ittra lil Transport Malta fejn, wara li juri li jirrikonoxxi l-problema li teżisti u jaqbel li għandha tinsab soluzzjoni biex tnaqqas il-periklu għal

kulħadd, iħalli f'idejn l-awtoritajiet konċernati biex jieħdu d-deċiżjoni ta' x'inhu l-aħjar isir.

10/07 Kien hemm talba minn DAISY (Diabetes Association In Support Of Youth) biex jorganizzaw Beach Volleyball Tournament fil-Bajja s-Sabiħa nhar is-Sibt, 9 t'Awwissu. Wara diskussjoni l-Kunsillieri qablu li toħrog 'no objection letter' dejjem suġġetta għall-permessi kollha meħtieġa tal-awtoritajiet konċernati.

11/07 Kien hemm talba mis-sid tal-Edesia Restaurant biex il-Kunsill joħrog 'no objection letter' biex dan ipoġġi aktar imwejjed u siġġijiet fuq il-bankina ta' bejn it-triq u t-teatru Grieg, nhar il-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd tal-Festa ta' Birżebbuġa. Il-Kunsillieri kollha qablu li dan m'għandux iżid aktar siġġijiet u mwejjed għax diġa għandu biżżejjed.

**AĠENDA 3**

Il-kwotazzjonijiet li kellhom jinġabru mingħand żewg kumpaniji prinċipali oħra għall-pakkett tat-telefonija inġabru imma waħda biss waslet għax kumpanija minnhom qalet li tissupplixxi talbiet ferm ikbar mid-daqs tal-Kunsill. Għalhekk, wara li ġew diskussi ż-żewg pakketti ikkwotati, il-Kunsillieri qablu li għandha tiġi ċċarata x'kienet tirrappreżenta d-differenza ta' bejniethom fil-prezz ħalli d-deċiżjoni tal-Kunsill tkun aktar infurmata qabel jiġi ffirmat il-kuntratt.

**AĠENDA 4**

Minħabba l-ħafna inċidenti li kienu qed jiġru, il-Kunsill iddiskuta jekk għandux jaqleb id-direzzjoni tal-'One Way' fi Triq ir-Raddiena. Transport Malta, wara li saret spezzjoni fuq il-post, tat in-'no objection letter' rigward dan it-tibdil. Kulħadd qabel li l-bidla ssir.

**AĠENDA 5**

Il-Management letter ġiet mogħtija lill-Kunsillieri kollha qabel is-seduta u ġiet approvata.

**AĠENDA 6**

Il-Kunsillieri ġew infurmati mis-Segretarju Eżekuttiv bit-tliet modi kif il-Kunsill seta jirranġa s-sitwazzjoni tal-Bring-in-Site tal-Qajjenza:

- li jitwaħħlu l-cameras għas-spejjez tal-Kunsill;
- li l-bins jitpoġġew x'imkien iżjed ċentrali jew
- li jitneħħew għal kollox.

Il-kuntratt eżistenti jgħid li l-bins issa saru propjeta' tal-Kunsill,  għalhekk dan iddeċieda li l-Bring-in-Site titneħħa għal kollox għax ħafna nies irresponsabbli għamlu miżbla minn dan is-servizz.

**AĠENDA 7**

Wara li l-Kunsillieri raw il-kwotazzjonijiet kollha li nġabru għax-xiri tal-Hand Dryers għaż-żewg Public Conveniences ta' Birżebbuġa, iddeċidew li jixtru l-irħas.

**AĠENDA 8**

Tressqet fuq il-mejda l-iskeda tal-pagamenti u l-'purchase requests' tagħhom, għax-xahar ta' Ġunju.  Ma kien hemm l-ebda mistoqsija dwar l-iskeda u l-Kamra approvat is-somma ta' €198,964.12, skont Skeda numru: 06/14. Minn dawn, €151,631.15 kienu pagamenti tal-PPP.

Wara li l-Kunsillieri raw ir-rapport tal-Contracts Manager dwar is-sitwazzjoni ta' kif tħallew il-Public Conveniences mill-kuntrattur preċedenti, iddeċidew li biex iħallsu l-aħħar pagament u jirrilaxxaw il-garanzija, il-kuntrattur għandu jixtri sedil ġdid għat-toilet tal-cubicle tal-bżonnijiet speċjali.

**AĠENDA 9**

**1. Il-Viċi-Sindku, is-Sur K. Barun, issuġġerixxa li:**

- Hemm bżonn li jinkesa fejn kien hemm pitch tal-boċċi fi Triq iż-Żebbuġ. Il-kamra qablet li jiġu avviċinati Attard Services biex jagħtu ir-raġuni għax dan ma sarx.
- Tintuża żebgħa kulurita fuq il-kolonni tal-Promenade (bejn il-ħadid) bil-kuluri jalternaw.  Il-kunsillieri ma qablux.
- It-tfal iż-żgħar kienu qed isibu diffikulta fiż-żurżieqa ż-żgħira tal-bandli tax-xatt, għax għandha forma ta' 'climbing frame'.
- Ssir il-bye-law tal-kampijiet.
- Ssir Zebra Crossing biswit Ġnien l-Indipendenza. Il-Kamra qablet li ssir l-applikazzjoni.
- Informa l-Kamra li l-closing uffiċjali tal-Move Week se jsir f'Birżebbuġa.

2. **Il-Kunsillier is-Sur J. Baldacchino issuġġerixxa li:**

- Il-parking bays ta' Triq Santa Marija jsiru fuq in-naħa l-oħra tat-triq għax fejn qegħdin fil-preżent żdiedu l-garaxxijiet u naqsu ħafna l-parking bays. Il-kamra ma qablitx għax jekk isiru fuq in-naħa l-oħra, il-karozzi ma jkollox spazju biex joħorgu mill-garaxx għax ikun hemm il-karozzi pparkjati faċċata.

- In-NO PARKING signs li jingħataw lir-residenti bla ħlas ma jingħatawx aktar għax qegħdin ikunu piż finanzjarju fuq il-Kunsill għax isiru bil-kulur u jinksew bil-plastic. Ir-residenti għandhom jingħataw kopja waħda black and white u jsiru kopji għand stationer mir-resident stess.

- Jitneħħew is-siġġijiet u l-imwejjed, li m'hemmx permess għalihom, minn Triq Bonnici għax in-nies mhux qed ikollhom passaġġ minn fejn jgħaddu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li l-pulizija ġew mitluba li jiċċekkjaw din it-triq diġa.

- Tiġi mwaħħla 'direction sign' tal-one-way fi Triq il-Fossili faċċata ta' Triq il-Mandolina għax li kien hemm, tneħħiet.

- Jinxtara komputer għall-użu tal-Kunsillieri. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li d-DLG se jtuna komputer ġdid għall-Front Office u għalhekk se jkollna komputer minn tal-uffiċju li jista jibda jintuża mill-Kunsillieri flimkien ma' dak li diġa hemm għall-użu tal-Kunsillieri u l-pubbliku.

3. **Il-Kunsillier is-Sur C. Cachia issuġġerixxa li:**

- Hemm bżonn isir parking għall-persuni bi bżonnijiet speċjali fil-Bajja s-Sabiħa n-naħa tac-Chicken Hut u jiżdiedu mad-dawra ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa. Il-Kamra qablet.

4. **Il-Kunsillier is-Sur S. Zammit wassal din l-informazzjoni u suġġerimenti:**

- Hemm talba mir-residenti sabiex id-direzzjoni tal-One-Way iddur il-kontra fi Triq il-Borok. Il-Kunsillier S. Zammit intalab jiġbor il-firm tar-residenti biex juru il-kunsens tagħhom

- Kien hemm talba minn xi residenti lil Transport Malta u approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex id-direzzjoni tal-One-Way iddur il-kontra fi Triq ir-Raddiena. Il-Kamra qablet.

- Hemm bżonn li ssir road hump fi Triq Herakles jew Triq il-Fossili. Minħabba li l-firem li għandna huma biss minn Triq il-Fossili ser issir komunikazzjoni oħra ma' Transport Malta sabiex:

- Transport Malta tiddeċiedi dwar id-disinn u l-lokazzjoni tar-road hump fi Triq il-Fossili
- Transport Malta tikkonferma l-informazzjoni li taw ir-residenti li din ir-road hump ser issir minn Transport Malta.

Il-Kamra qablet.

- Ippropona li, meta tikkonsidra n-nuqqas ta' kompetenza li l-Kunsill għandu fejn jidħlu l-accounts, il-Kunsill għandu japprova sejħiet addizzjonali tal-Accountant sabiex din tassisti lill-istaff tal-Kunsill. Għamilha ċara li l-Kunsill għandu l-potenzjal għal din il-kompetenza, biss, fl-opinjoni tiegħu, dan jista' jiġi utilizzat biss wara aktar taħrig (mill-istess Accountant), wara li jitqassam aħjar ix-xogħol bejn l-iskrivani u wara li, jekk ikun meħtieġ, jiżdiedu l-iskrivani. Il-Kamra qablet.

- Jiżdiedu żewg spazji għall-persuni b'diżabilita' fuq ix-xellug fil-parkeġġ ta' San Gorg.

  Il-Kamra qablet.

- Talab permess biex isir riċeviment żgħir għaż-żewġ Soċjetajiet Mużikali u l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13, għal żmien il-festa bħala parti mill-programm ta' ġemellaġġ bejn it-tliet għaqdiet. Il-Kamra qablet.

- Ippropona li jsiru bollards fuq il-promenade ħdejn il-barrier ta' ħdejn l-Anġolina biex nipprevenu milli karozzi jipparkjaw fuq il-promenade. Il-Kamra ma qablitx.

**5. Il-Kunsillier is-Sur C. Muscat issuġġerixxa li:**

- Jsiru z-Zebra Crossings li hemm bżonn. Il-Kunsillier S. Zammit informah li dawn iqumu ħafna flus u m'hemmx finanzi għalihom.

**<u>Għeluq</u>**

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-9.15pm minħabba li ġiet xolta fit-tul biex tiġi diskussa il-problema tal-periklu ħdejn l-islipway tas-Sailing Club. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar it-Tnejn, 25 t'Awwissu 2014 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................ |
| **Joseph Farrugia** | **Marthese Parascandalo** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |